CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 05

Ħamis, 3 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Vici Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.08pm.

**05.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

05.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

05.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tar- Raba' Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

05.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**05.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

05.3.1 Is-Sindku xtaq li jinbidlu dawk il-fences mkissrin li jinsabu mad-dawra ta' Howard Gardens. Huwa qal li sfortunatament ta' spiss qed isiru atti vandali fuq dawn il-fences imma min-naħa l-oħra il-viżwal tal-istat ta' dawn il-fences jagħti dehra kerha lil dan il-ġnien. Il-Kunsill approva li jinbidlu dawn il-fences.

05.3.2 Is-Sindku kien tal-fehma li wara li jitlesta l-proġett tal-playingfield bħala pass li jmiss għandu jkun li jsir condition report tal-istat tat-toroq li jinsabu ġewwa l-Imdina biex jingħata lil Infrastructure Malta għal kunsiderazzjoni tagħhom bl-eventwalita' li jisru xogħlijiet fuq dawn it-toroq.

05.3.3 Is-Sindku kien tal-fehma li wasal iz-zmien li jidħol fis-seħħ traffic management propju fil-*car park* tas-Saqqajja bil-possibilita' li jiġu allokati aktar postijiet riservati ta' parking lir-residenti biex b'hekk innaqqsu id-dħul ta' vetturi ġewwa l-Imdina.

05.3.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li ser issir laqgħa ma' Transport Malta fejn ser jiġi diskuss il-Bye Law li nieda l-Kunsill għad-dħul ta' karozzini ġewwa l-Imdina u dan biex tkun konformi mal-policies addottati ta' Transport Malta f'dan ir-rigward. Huwa ser ikun jirreferi l-eżitu ta' din il-laqgħa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u jittieħdu l-passi neċessarji biex tibda tiġi fis-seħħ din il-Bye-Law.

05.3.5 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li fil-laqgħa li jmiss mas-Supretendent tal-Għassa ser iqajjem il-punt tan-nuqqas ta' pulizija preżenti fl-għassa tal-Imdina matul il-ġurnata. Huwa saħaq li l-Imdina li tara' madwar żewġ miljun persuna fis-sena, il-pulizija għandha jkollha preżenza kontinwa.

05.3.6 Is-Sindku qal li hekk kif dalwaqt jasal iż-żmien li jibdew jinħarġu l-permessi ġodda għad-dħul tal-vetturi ġewwa l-Imdina, huwa kien beħsiebu li jagħmel laqgħat mal-komunita' kummerċjali li jinsabu fl-Imdina fejn jiġi spjegat lilhom, kulhadd fuq bażi personali l-policy l-ġdida li beħsiebu jattwa l-Kunsill f'dak li jirrigwarda ħrug ta' permessi għal dan is-settur.

**05.04 Pjan ta' Ħidma għas-sena 2020 sa 2024**

05.4.1 Il-Business Plan 2020-2024 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuż). Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

05.4.2 Wara li dan il-Business Plan kien ippreżentat lir-residenti waqt il-Laqgħa għar-residenti, dan il-pjan tressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill fejn dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**05.05 Sejħa għall-Offerti - Manutenzjoni u Xogħolijiet ġewwa Casino Notabile- Approvazzjoni**

05.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-Evalwazzjoni tat-Tender for Maintenance Works at Casino Notabile, Mdina in an Environmentally Friendly Manner – MLC 03/2019. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

05.5.2 Il-Viċi Sindku kif ukoll il-Kunsilliera Camilla Scerri talbu lis-SE biex joħorġu mill-Kamra u ma jieħdux sehem fil-vot għar-raġuni li kienu jiffurmaw parti mill-aġġudikaturi tal-offerti mitfugħa.

05.5.3 F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament qabel li jilqa` r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li l-kuntratt ma jingħata lill-ebda kuntrattur u għaldaqstant dan ir-rapport kif ukoll il-minuti ġew approvati.

**05.06 Sejħa għall-Offerti - Manutenzjoni u Tindif ta' Ġonna Pubbliċi - Approvazzjoni**

05.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-Evalwazzjoni tat-Tender for Cleaning and Maintenance of Public Gardens, Roadside Tree Plantations and Non-urban soft areas in an Environmentally Friendly Manner – MLC 05/2019. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

05.6.2 Is-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera Maryann Sultana talbu lis-SE biex joħorġu mill-Kamra u ma jieħdux sehem fil-vot għar-raġuni li kienu jiffurmaw parti mill-aġġudikaturi tal-offerti mitfugħa.

05.6.3 F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament qabel li jilqa` r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tingħażel l-offerta ta' Charles Mifsud li kienet konformi kemm amministrattivament, teknikament kif ukoll l-offerta li ntefgħet u għaldaqstant dan ir-rapport kif ukoll il-minuti ġew approvati.

## 05.07 Fondi Awtorita' tal-Ippjanar - Sebbaħ il-Lokal

05.7.1 Is-SE poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra pjanti għat-tisbiħ u riġenerazzjoni tal-playing field li jinsab barra l-Imdina mill-perit tal-Kunsill.

05.7.2 Is-SE qal li l-istima tal-ispejjeż ġiet tlaħħaq is-somma ta' €168,000. Huwa semma wkoll li l-fondi li wieħed jista' jibbenefika mill-Awtorita tal-Ippjannar permezz tal-iskema Sebbah Il-Lokal jammontaw għal 70% tas-somma totali, jigifieri l-Kunsill ikollu joħroġ il-kumplament hu mill-fondi tiegħu. Huwa qal ukoll li wieħed dejjem jista' dejjem jikteb lill-Bord jew iċ-Ċermen tal-Awtorita fejn jekk ikun hemm raġunijiet validi, wieħed ikun jista' jibbenefika minn 100% tal-fondi.

05.7.3 Is-Sindku kien tal-fehma li dawn l-istimi jiġu riveduti għal darb'oħra u jitnaqqsu xi elementi mill-BOQ's biex b'hekk ikollna saħħa tal-argument meta niġu biex niddjalogaw mal-Awtorita' biex ningħataw ir-rifużjoni sħiha tal-proġett tant bżonnjuż għal dawk kollha li jżuru l-Imdina kif ukoll il-familji bit-tfal li jżuru l-playground.

## 05.08 Korrispondenza

05.8.1 Ittra Dipartiment għall-anzjani - Informazzjoni dwar servizzi fil-komunita'.

05.8.2 DLG Cirkulari 19/2019 - Sistemi ta' Live Streaming (Servizz on Demand)

05.8.3 JP2 Foundation - Talba għal Kunċert minn Bromley High School Jazz fuq iz-zuntier tal-Kattidral. Il-Kunsill approva.

05.8.4 DLG Cirkulari 18/2019- Ma jistgħux jinħargu permessi bejn is-6am u d-9.30am biex isiru interventi fit-toroq.

05.8.5 Pink October 2019 - Għal darb'oħra l-Kunsill ser jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

05.8.6 Cirk. AKL 2019/112- Skema WiFi4EU. Il-Kunsill ser japplika għal dan il-fondi.

## 05.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

05.9.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tat-3 ta’ Ottubru 2019, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 21,784.41

05.9.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Debono. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**05.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

05.10.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.37pm u ġiet aġġornata għas-6 ta' Novembru 2019 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 06-11-2019________